***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 323 tad-29 ta' April 2020 dwar ilment dwar żvijjar tal-Kamra f'risposti parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għat-talba għal *ruling* li saret mill-Onor. Robert Cutajar fis-seduta tal-bieraħ tat-28 ta' April 2020, u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, qed nitlob direzzjoni mingħandek dwar *ruling* li lbieraħ, f'dan il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, il-Ministru Aaron Farrugia, għal diversi drabi, għal mistoqsijiet li saru minn din in-naħa fosthom ukoll min-naħa tiegħi u kollegi oħrajn preżenti hawnhekk, qal pubblikament – din hija reġistrata *on record* hawnhekk – li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar kien qed jaqbel mal-proġett tal-Magħtab.
>
> Illum, ftit tal-ħin ilu, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar ħareġ stqarrija li fiha qed jiċħad kategorikament dak li qal il-Ministru lbieraħ. Allura filwaqt li l-Ministru żgwida lill-Kamra b'mod ċar, nitlob ukoll l-intervent tiegħek f'*ruling* li, jekk jogħġbok, nitolbok tagħti f'dan is-sens.
>
> **L-ISPEAKER**: Kollox sew. Għaddili d-dokument u nara l-affarijiet bil-kwiet.
>
> Il-Ministru Aaron Farrugia.
>
> **ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar):** Sur President, ilbieraħ jien kont ċar ħafna f'dak li għedt, li f'laqgħa li kelli mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, aħna qbilna li l-art illi konna se nieħdu bħala gvern se tinżel minn 279,000 metru kwadru għal 82,000 metru kwadru. Jiġifieri hemmhekk kien hemm qbil ċar li l-ħidma li saret, sibna qbil fuqha kemm mal-bdiewa, kemm mar-residenti kif ukoll mal-kunsill lokali. Dak kien l-animu li bih tkellimna lbieraħ.

Is-Sedja ħadet nota tal-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar, liema stqarrija saret referenza għaliha u ġiet ippreżentata mill-Onor. Robert Cutajar, u nikkwota:

> "Il-Kunsill Lokali Naxxar jirreferi għat-tweġibiet ta' mistoqsijiet li l-Ministru tal-Ambjent Dr Aaron Farrugia għamel ilbieraħ fil-Parlament dwar l-impjant tal-Magħtab. Il-Ministru allega li l-Kunsill Lokali Naxxar jaqbel mal-proġett kif imressaq inkluż mal-inċineratur.
>
> Il-Kunsill jiċħad li ħa jew esprima pożizzjoni dwar dan mal-Ministru. Il-Kunsill infatti, wara l-laqgħa li kellu mal-Onor. Ministru Farrugia, qabel b'mod unanimu li, qabel ma jaslulu d-dokumenti formali, il-Kunsill ma jiħux pożizzjoni fir-rigward.
>
> Sal-lum id-dokumenti għadhom ma waslux."

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni li saret referenza għaliha fit-talba għar-*ruling*, u ċjoe dik tas-seduta tas-27 ta' April 2020, u nikkwota:

> "**ONOR. AARON FARRUGIA**: Nirringrazzjak tal-mistoqsijiet tiegħek. Għall-ewwel mistoqsija li għamilt b'rabta mal-Miżbla tal-Magħtab, tajjeb ngħid li l-konsultazzjonijiet li saru qabel jien komplejt fuqhom. Jiġifieri niftakru li tlaqna mill-premessa li nċekknu l-*footprint* tal-erba' impjanti li se nagħmlu. Il-laqgħat ta'

> konsultazzjoni ma sarux biss ma' żewġ kunsilli lokali, imma saru wkoll mal-bdiewa għal ħafna drabi, saru wkoll mar-residenti għal ħafna drabi u jiena infurmat li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar iffurmat minn membri tal-Partit Nazzjonalista laqgħu b'sodisfazzjon l-aħbar tagħna li l-art ċkienet bil-mod ta' kif ħabbarna. Xi ħaġa li sfortunatament min-naħa tal-Oppożizzjoni s'issa ma smajnihiex."

Is-Sedja se tirrepeti dak li ġie espress diversi drabi minn Speakers preċedenti, jiġifieri li hija ma tistax tidħol fil-mertu u lanqas tista' tissindika b'xi mod it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri b'risposta għad-domandi parlamentari li jkunu qed isiru. Dan fil-fatt ġie deċiż f'diversi *rulings,* l-aktar wieħed reċenti u ċar kien ir-*ruling* li tat l-istess Sedja sedenti fis-Seduta 194 tas-6 ta' Frar 2019, dwar punt imqajjem dak iż-żmien mill-Onor. Jason Azzopardi fis-Seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019, fejn is-Sedja qalet hekk:

> "Din il-pożizzjoni s-Sedja għamlitha f'diversi *rulings* li tat, anke reċentement, bħal pereżempju fis-Seduta 94 tal-14 ta' Marzu 2018 fejn anke kkwotat minn paġna 356 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)* taħt it-titolu "*Speaker's control of questions*":
>
> > "*The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers*."

Dan ifisser li ir-regolamenti tar-Renju Unit li jiġu invokati bis-saħħa tal-Ordni Permanenti 197, jipprekludu lis-Sedja milli b'xi mod teżerċita xi kontroll fuq il-kontenut tar-risposta.

L-istess pożizzjoni hija indikata wkoll fir-*ruling* li ngħata fis-Seduta 351 tal-4 ta' Frar 2016, fejn is-Sedja qalet hekk:

> "L-istess pożizzjoni hija wkoll indikata fil-pubblikazzjoni '*Accountability or inability: to what extent does House of Representatives question time deliver executive accountability comparative to other parliamentary chambers? Is there need for reform? [online]*', ta' Andrew McGowan (*Australasian Parliamentary Review, Vol. 23, No. 2*), li jiddiskuti hemmx bżonn jew le ta' riforma dwar kif għandha tkun ir-risposta."

F'dan l-istess *ruling* jingħad li nsibu l-istess pożizzjoni fi New Zealand u nikkwota:

> "*In New Zealand, the procedures governing the content of answers are laid out in standing order 377. In summary, it requires that an answer: be concise and confined to the subject; not contain statements of fact, the names of persons, arguments, inferences, imputations, discreditable references to the house or any member, unparliamentary language; and must not refer to the proceedings of a committee or a court. While these requirements are more comprehensive than those of the other chambers, in practice they tend not to be strictly adhered to. As Parliamentary Practice in New Zealand describes, 'how [ministers] go about answering questions is largely up to them.'*

L-istess *ruling* jirreferi wkoll għall-pożizzjoni Kanadiża fejn jingħad illi l-:

> "*Canadian House of Commons Practice and Procedure explains that while there are no explicit procedures governing answers to questions, 'according to practice, replies are to be as brief as possible, to deal with the subject matter raised and to be phrased in language that does not provoke disorder.' Having established this framework, Canadian Practice later explains that 'the Speaker is not responsible for the quality or content of replies', implying that ministers are given a degree of latitude.'*

Dan ifisser illi Ministru, meta jagħti risposta, l-Ispeaker m'għandu l-ebda dritt li jissindika l-istess risposta. Ovvjament l-Onor. Robert Cutajar, meta talab lis-Sedja biex tagħti *ruling* fis-seduta tal-bieraħ, kien qed jindika li l-Ministru Aaron Farrugia kien qed jiżvija lill-Kamra dwar il-proġett tal-Magħtab meta ltaqa' mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Is-Sedja rat it-traskrizzjoni kollha ta' dan l-intervent, meta l-Onor. Robert Cutajar kien qed jagħmel domanda supplimentari dwar l-istess proġett tal-Magħtab. Hemmhekk il-Ministru spjega u qal illi huwa ltaqa' mal-bdiewa, iltaqa' mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur, mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u persuni oħra dwar il-proġett kif imressaq u qal li fost il-laqgħat li kellu, kif diġà semmejt, inkluż mar-residenti għal ħafna drabi, u nikkwota:

> "... u jiena informat li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar iffurmat minn membri tal-Partit Nazzjonalista laqgħu b'sodisfazzjon l-aħbar tagħna li l-art ċkienet bil-mod ta' kif ħabbarna. Xi ħaġa li sfortunatament min-naħa tal-Oppożizzjoni s'issa ma smajnihiex."

Dik kienet ir-risposta għad-domanda supplimentari illi għamel l-Onor. Robert Cutajar. Hawnhekk qed terġa' tinqala' l-kwestjoni li huwa kien qiegħed jiżvija lill-Kamra. Għaldaqstant is-Sedja daħlet fil-kwestjoni ta' meta Ministru jiżvija l-Kamra, tant hu hekk illi din hija xi ħaġa li hija serja ħafna meta *there is the misleading of Parliament* meta *there is the knowing presentation of false information to Parliament.* Fil-fatt, jekk wieħed jagħmel referenza għall-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)*, preċiżmanet f'paġna 254 isib li dan jgħid li:

> "*In 2006, the Committee on Standards and Privileges concluded that a Minister who had inadvertently given a factually inaccurate answer in oral evidence to a select committee had not committed a contempt, but should have ensured that the transcript was corrected.*"

Is-Sedja daħlet ukoll f'diversi *rulings* li tat hi u anke Speakers oħrajn f'dan il-kuntest. Pereżempju l-Ispeaker Louis Galea, fid-Deċiżjoni mogħtija fis-Seduta 175 tas-7 ta' Diċembru 2009, dwar jekk risposta mogħtija mill-Prim Ministru kinitx tiżvija jew tiżgwida lill-Kamra, l-istess Speaker Louis Galea kien qal hekk:

> "Minkejja dan kollu tajjeb li l-Kamra żżomm quddiem għajnejha li l-Artikolu 11(4)(i) espliċitament jikkwalifika l-għoti jew it-tqegħid ta' "dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat" quddiem il-Kamra b'intenzjoni ċara u pruvabbli li dak li jkun jagħmel hekk "bil-ħsieb li jqarraq" lill-Kamra. L-istess l-*Erskine May*, meta jiddeskrivi l-att ta' *'misleading'* bħala "*the making of a deliberately misleading statement*" espliċitament qed jippressuponi l-*mens rea*, l-intenzjoni deliberata li jiżvija. L-elementi tar-reat kontemplat mill-Artikolu 11(4)(i) ma jistgħux jissustixxu mingħajr l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra."

L-istess pożizzjoni ħaditha s-Sejda kif inhi preseduta fejn fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 455 tat-28 ta' Novembru 2016, fuq ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Owen Bonnici, kontra l-Onor. Jason Azzopardi dwar *tweets* li dehru fit-Twitter tiegħu, qalet li jrid ikun hemm:

> "il-*mens rea*, [jiġfieri] l-intenzjoni deliberata li jiżvija."

L-istess ukoll fir-*ruling* li tat is-Sedja hekk preseduta fis-Seduta 39 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar *ruling* mitlub mill-Onor. Jason Azzopardi, li ressaq ksur ta' privileġġ b'referenza għal tweġiba għal mistoqsija parlamentari mogħtija mill-Prim Ministru, ukoll dwar l-iżvijar tal-Kamra, fejn is-Sedja qalet hekk:

> "... l-element tar-reat ikkontemplat fl-artikolu ġa ċitatt 11 subinċiż (4)(i), ma tistax tissustixxi mingħajr ma jkollok l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorrettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra. U dan qiegħed *in linea* mar-*ruling* diġà ċitat aktar qabel kif irrapportat fil-*Hansard and Journals* tal-Parlament ta' New Zealand, fuq *Points of Order - Privilege - Definition of Deliberately Misleading House, Questions for Written Answer - Ministerial Responsibility for Operation Matters*, seduta tas-26 ta' Marzu 2013 li huwa bbażat fuq il-*House of Commons practice*."

L-istess pożizzjoni ħaditha s-Sedja hekk preseduta fir-*ruling* li tat fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014, ukoll fuq ksur ta' privileġġ imressaq mill-Onor. Jason Azzopardi dak iż-żmien fil-konfront tal-Ministru Emmanuel Mallia dwar tweġibiet għal żewġ mistoqsijiet parlamentari. Hemmhekk is-Sedja għamlitha ċara illi:

> "Żgur ma toħroġx li kien hemm *intention to mislead or to deceive*. Dak li jgħid l-istess House of Commons, li wieħed mill-elementi huwa li:
>
>> "*The element of deliberateness is an essential ingredient implicit in the alleged offence of deliberately misleading the House*."
>
> Din il-pożizzjoni hija ċċitata fid-dokument li huwa *Chapter 8 – Parliamentary Privileges*, li huwa pubblikazzjoni Indjana li timxi fuqu wkoll il-Parlament Indjan magħruf bħala *Rajya Sabha At Work*, paġna 234 u nkompli nikkwota:
>
>> "*If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided.*"

Inkompli nikkwota:

> "Dan ifisser li anke jekk Membru qed jinterpreta fatt li hu jħoss li mhuwiex korrett jew li saħansitra li mhu korrett xejn ma jfisser xejn li dak il-Membru jħoss hekk ladarba l-fatti kif inhuma mqiegħda u l-mod kif spjegahom l-istess Ministru wasslu lis-Sedja biex hi stess ma tkunx konvinta li l-Ministru b'xi mod ried iqarraq lill-Kamra."

F'*ruling* li ta l-Ispeaker Anton Tabone, fis-16 ta' Lulju 2007 dwar ksur ta' privileġġ/disprezz lejn il-Kamra, dak iż-żmien imqajjem fid-9 ta' Lulju 2007 mill-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Alfred Sant, kien intqal hekk:

> "... jekk wieħed jigdeb konxjament dwar dak li jkun ġara bil-ħsieb ċar li jqarraq bil-Kamra, ikun ħati ta' disprezz."

Huwa kkwota wkoll l-*Erskine May*, paġna 119, dwar l-għoti ta' informazzjoni qarrieqa u qal li "bil-għan u l-ħsieb li tqarraq bil-Kamra hija att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra."

L-istess Speaker Anton Tabone kompla jgħid hekk:

> "… is-Sedja ma tistax ħlief tilmenta mill-mod lakoniku b'liema xi kultant ċerti dikjarazzjonijiet isiru u f'dan il-kuntest tattira l-attenzjoni ta' kulħadd għal bżonn ta' ċertu riġidità u attenzjoni fil-kliem li jintuża u dan preċiżament ħalli ma jinqalgħux malintiżi imma iżjed u iżjed ħalli ma tingħatax l-impressjoni, anke jekk żbaljata, li persuna tkun qiegħda tiżvija lill-Kamra. Il-problema biex wieħed isib risposta għal dan il-kwesit huwa li wieħed irid li jkollu l-konvinzjoni *oltre* kull raġonevoli dubju li [l-kliem li ntuża f'dak il-kuntest] intuża bl-għan li tqarraq bil-Kamra. Huwa veru li dan il-konvinċiment is-Sedja trid tasal għalih fuq bażi *prima facie*, però huwa daqstant minnu li l-kliem użat irid ikun tali li ma jħalli l-ebda ambigwità f'li wieħed jasal għal tali konklużjoni."

L-istess *ruling* imbagħad jgħid illi kwesit importanti hu, u nikkwota:

> "… kwesit li jrid jitwiegeb huwa jekk membru tal-Kamra jagħti infomazzjoni inveritiera jew inkorreta jinkorrix f'disprezz tal-Kamra. Issa l-privileġġi tal-Kamra u d-disprezz huma regolati mill-Kostituzzjoni u mill-Kapitolu 113 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi n-natura tad-disprezz tirrasenta l-penali huwa ċar li biex ikun hemm sejba ta' disprezz wieħed irid bilfors mhux biss jirradika tali disprezz f'dispożizzjoni ċara tal-liġi imma jkun hemm konvinzjoni *oltre* kull raġonevoli dubju li dik il-persuna tkun ħatja ta' disprezz."

L-istess *ruling* tal-Ispeaker Anton Tabone jkompli:

> "Għalhekk wieħed bilfors jkollu jaqa' fuq il-provvediment ġeneriku tas-subinċiż (a) li jitkellem dwar "Kull att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra bi kliem jew b'ġesti minn xhud jew persuna oħra quddiem il-Kamra jew Kumitat tal-Kamra."

Huwa għalhekk ċar li jekk wieħed jigdeb konxjament dwar dak li jkun ġara bil-ħsieb ċar li jqarraq bil-Kamra, ikun ħati ta' disprezz.

U jkompli jgħid:

> "Huwa veru li dan il-konvinċiment is-Sedja trid tasal għalih fuq bażi *prima facie*, però huwa daqstant minnu li l-kliem użat irid ikun tali li ma jħalli l-ebda ambigwità f'li wieħed jasal għal tali konklużjoni."

Minn dak li qrat is-Sedja, li rat ukoll id-domandi parlamentari li segwew fis-Seduta 320 tat-22 ta' April 2020, jidher ċar li s-suġġett kien li l-Ministru Aaron Farrugia kien qiegħed jitkellem

fuq il-proġett tal-Magħtab. Huwa spjega b'mod dettaljat ix-xogħol li għamel hu u l-konsultazzjoni li għamel mal-bdiewa u mal-Kunsilli Lokali u mar-residenti, fejn huwa fehem – u dan kif kien infurmat – li l-Kunsill Lokali, kien qed jaqbel ma' dan il-proġett imressaq minnu dwar ir-riduzzjoni tal-*footprint* li se tittieħed mill-art tal-Magħtab.

Meta wieħed jara mbagħad il-*press release* li ħarġet mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar wara li l-Ministru tkellem fil-Parlament, isib spjegazzjoni aktar profonda mill-Kunsill fejn jgħid li huma qablu b'mod unanimu li qabel ma jaslu d-dokumenti formali, il-Kunsill ma jiħux pożizzjoni f'dan ir-rigward. Dan ifisser li hawnhekk għandna kwalifikazzjoni fuq l-istess proġett li kien qed jispjega b'mod dettaljat il-Ministru Aaron Farrugia u ċertament, għalkemm hawnhekk jidher ċar li l-Kunsill Lokali għadu ma ħax pożizzjoni aħħarija, il-fatt li qablu b'mod unanimu li jistennew id-dokumenti formali li kien diġà spjega l-Ministru lill-Kunsill dwar il-proġett tal-Magħtab, fejn qagħad jispjega li l-art li se tittieħed se tinżel minn 279,000 metru kwadru għal 82,000 metru kwadru, li allura jidher li ma kienx hemm oġġezzjoni, anke mill-istess qari tal-*press release,* però qablu b'mod unanimu li jrid jiġi kkonfermat dan kollu b'dokumenti formali biex b'hekk ikun jista' jieħu l-pożizzjoni l-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

F'dan ir-rigward, ċertament m'hemm l-ebda malintiż u m'hemm l-ebda ħsieb li jqarraq min-naħa tal-Ministru, anzi hija kwestojni ta' dettall dwar il-fatti kif ġraw u kif wieħed jispjegahom wara li jkun ra l-fatti kollha, kemm min-naħa tal-Ministru, kemm min-naħa ta' min għamel id-domanda supplimentari, f'dan il-każ l-Onor. Robert Cutajar, kif ukoll l-apprezzament tal-provi.

Il-fatt jibqa' li s-suġġett li l-Ministru kien qiegħed jinforma fuqu huwa l-istess suġġett li kien qiegħed jispjega, ċjoè l-proġett tal-Magħtab, u għaldaqstant wara li rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda intenzjoni speċifika li l-Ministru jqarraq fir-risposta tiegħu fil-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.